A.L. 336 ta' l-2004

ATT DWAR IS-SEKWESTRU U L-KUSTODJA TA' MINURI (KAP. 410)

Ordni ta' l-2004 li jemenda l-Ordni dwar il-Konvenzjoni dwar l-Aspetti Ċivili fis-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4(1) ta' l-Att dwar is-Sekwestru u l-Kustodja ta' Minuri, il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin u Promozzjoni ta' Investiment għamel dan l-ordni li ġej:–

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni ta' l-2004 li jemenda l-Ordni dwar il-Konvenzjoni dwar l-Aspetti Ċivili fis-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri, u l-ordni għandu jiftiehem u jinqara bħala ħaġa waħda ma' l-Ordni ta' l-2000 dwar il-Konvenzjoni dwar l-Aspetti Ċivili fis-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Ordni prinċipali". A.L. 130 ta' l-2000.

Jemenda l-Iskeda li tinsab ma' l-Ordni prinċipali.

2. Minnufih wara l-pajjiż "Serbia u Montenegro" u d-data ta' Bidu fis-Seħħ "1 ta' Novembru, 2003" fl-Iskeda li tinsab ma' l-Ordni prinċipali, għandu jiżdied dan li ġej:–

Pajjiż	Data ta' Bidu fis-Seħħ
"Ċipru.....	1 ta' April, 2004
Brażil	1 ta' Mejju, 2004".